MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN DR. MOMPALAO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 4/2012

Laurence u Maria konjugi Bajada

Vs
Peter Paul Borg

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti Laurence u Maria konjugi Bajada s-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1300) dovuti rikorrenti bhala rifuzjoni tal-prezz ta' xoghol u materjal li huma hallsu lill-intimat tal-rubber membrane li sar fil-fond numru erbgha (4), Triq Ras in-Newwiela, Sannat, Ghawdex liema xoghol irrizulta li ma sarx skont l-arti u s-sengha u kellu jerga jigi sostitwit peress li malli tqieghed minnufih tfaccaw boqoq u mat-tieni kisja telghet x-xibka tieghu. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati tlettax (13) ta' Settembru tas-sena

elfejn u hdax u tas-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa ecepixxa illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex:- (1) fl-ewwel lok il-pretenjonjiet ta' l-atturi fil-konfront tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-esopnenti ma huwiex l-legittimu kontradittur ta' l-atturi - ix-xoghol in mertu tal-kawza kien sar mill-perit Carmelo Borg u kien thallas lilu l-prezz tax-xoghol; (2) illi minghajr pregudizzju ghal-premess it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ix-xoghol kollu kien sar skond l-arti u s-sengha. Il-hsara li originarjament avverat ruhha fir-rubber membrane giet ikkagunata mill-fatt li l-atturi naqsu milli joqghodu ghall-istruzzjonijiet li taghhom l-appaltatur dwar harsien ta' l-istess xoghol; imbghad kien hemm l-atturi li komplew qalghu x-xoghol kollu minghajr lanqas biss taw l-opportunita lill-appaltatur li jivverifika l-affarijiet qabel ma' sar dan; kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ha konjizzjoni ta'dak kollu li rrizulta waqt l-access mizmum minnu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplici. Il-konvenut gie moghti appalt sabiex jaghmel xoghol ta' rubber membrane fuq bejt proprjeta ta' l-atturi. L-atturi hallsu ghal materjal u ghax-xoghol rez mill-konvenut fil-pront. L-atturi jallegaw illi sussegwentament wara x-xoghol dan ir-rubber membrane beda' juri certa difetti konsistenti

principarjament f'boqoq illi bdew jitilghu 'l hemm u 'l hawn tant illi l-istess rubber membrane kellu jinqala. Meta nqala dan ir-rubber membrane, deher illi kien hemm hafna toqob irqaq mifruxa mieghu kollu kif ukoll hafna trab ta' lewn hamrani mwahhal mal-qiegh tar-rubber membrane. Huma qed jitolbu ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tghid illi ma huwiex il-legittimu kontradittur. Din l-eccezzjoni mkien ma' giet pruvata. Anzi mill-provi migbura rrizulta l-kuntrarju u cioe illi l-legittimu kontradittur ma' kien hadd hlief il-konvenut. Dan anke kif jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut innifsu illi jghid illi l-uniku involvement ta' huh il-perit Carmelo Borg kien f'li jippreparalu l-istima illi ta lill-atturi qabel l-inizju ta' l-inkarigu. Mill-bqija jirrizulta illi r-relazzjoni guridika kienet ma' l-istess Peter Paul Borg li kull kuntatt kien mieghu biss u kien hu wkoll li rcieva l-hlas. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fil-mertu. It-Tribunal illi kellu l-opportunita jaccedi fuq il-post fejn gie muri ir-rubber membrane li nqalghet minn fuq il-post li ghada migbura kollha kemm hi ghand l-atturi, u kellu l-vantagg illi jikkonstata illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut, it-toqob illi kienu jidhru fir-rubber membrane u li kienu toqob fini hafna kienu mifruxin mar-rubber membrane kollu u mhux ghal xi parti partikolari. Similment seta jikkonstata illi l-boqoq kienu similment mifruxa.

L-atturi jsostnu illi dawn il-boqoq bdew jitilghu immedjatament wara li kien ghada kemm saret l-ewwel kisja tal-membrane u kien jonqos li jsiru aktar passati. L-ispjegazzjoni li jaghtu l-atturi hija illi aktarx ir-rubber membrane ma kienx imwahhal sew ma' l-art bil-konsegwenza li giet maqbuda l-arja tahtu. In sostenn ta' dan huma indikaw lit-Tribunal trab ta' lewn hamrani simili ghall-hamrija li taqa meta x-xita tkun bil-hamrija illi kienet tidher cara mwahhla mal-qiegh tar-rubber membrane kollu.

It-Tribunal eleva wkoll kampjun minn dan ir-rubber membrane maqlugh li juri dan it-tracci ta’ hamrija lewn hamrani li tidher imwahhla u mqabbda sew mieghu. F’dan il-kampjun jidhru wkoll diversi boqoq fl-istess rubber membrane, kif ukoll it-toqob fini msemmijin aktar ‘il fuq. Dan kollu jidher mhux biss fuq il-kampjun elevat izda fuq il-membrane kollu li gie muri t-Tribunal.

It-Tribunal jifhem illi dawn il-boqoq aktarx kienu rizultat ta’ dak allegat minn l-atturi u cioe illi arja li giet maqbuda bejn il-bejt u r-rubber membrane peress illi dan ma twahhalx tajjeb mal-bejt, minhabba it-trab li kien hemm u li ma tnaddafx sew. Dan huwa korroboratt mill-fatt spjegat minn l-atturi illi fix-xemx il-boqoq kienu jikbru aktar. Dan huwa r-rizultat ta’ l-espansjoni fizika illi taghmel arja maqbuda meta din tishon.

It-Tribunal jemmen il-verzjoni ta’ l-atturi illi l-bejt ma’ giex imnaddaf tajjeb qabel ma’ wehel ir-rubber membrane. It-tezi tal-konvenut u cioe’ l-hsara kienet biss f’parti illi aktarx intrifset ma’ jidhirx illi ghandha mis-sewwa ghaliex jidher illi l-hsara fil-membrane keinet tidher matul il-membrane kollu li gie murivizwalment lit-tribunal. In segwitu ghal dan l-atturi jghidu wkoll illi r-rubber membrane inqala minnhom b’facilita sempliciment kemm ingibed dan ifisser illi r-rubber membrane ma’ kienx imqabbad tajjeb ma’ l-art ta’ tahtu. Il-konsegwenza ta’ dan hija li giet maqbuda l-arja li kienet qeghda tikkaguna l-boqoq imsemmija u anke eventwalment it-toqob li jidru jekk wiehed jaghmel dik il-bicca kampjun ta’ rubber membrane ghad-dawl.

Sabiex jindirizza l-problema tat-trab l-konvenut li jidher li kellu xamma tal-kawza tal-hsara, jipprova jwahhal fil-bajjad u jghid illi x-xoghlijiet tal-bajjad setghu kkawzaw trabijiet. Jigi osservat pero illi t-trabijiet fuq dan il-membrane jidhru fin-naha ta’ isfel biss tar-rubber membrane. Ghalhekk dawn it-trabijiet ta’ lewn hamrani ma setghux gew ikkawzati wara li tqieghed il-membrane.

Hu x’inhu t-Tribunal ma jqisx illi din l-iskuza tista toffri xi konvinzjoni ghal dan it-Tribunal. Huwa minnu illi l-partijiet dahlu fuq il-kwistjonijiet ta’ meta hadem u ma hadimx il-

bajjad, izda ma jistax jigi skartat illi ex admissis il-konvenut jghid illi meta hu kien heles mix-xoghol il-bajjad kien ghadu jarma l-iscaffolding li allura jfisser li l-bajjad kien ghadu ma tajjarx trabijiet qabel ma' beda x-xoghol hu. Izda anke kieku verament kien il-kaz li l-bajjad jew xi hadd iehor ikkaguna xi trab qabel ma beda' x-xoghol kien jinkombi fuq il-konvenut li jara li x-xoghol li jaghmel jaghmlu sew billi jnaddaf il-bejt sew u jekk kellu xi dubju messu rrifjuta li jaghmel ix-xoghol f'dak l-istadju sakemm jinqatghu dawk it-trabijiet. Izda dan qed jinghad biss gratia argomendi.

Difiza ohra tal-konvenut li tqanqlet ukoll waqt it-tratazzjoni orali li saret fil-kaz hija l-fatt illi l-atturi qabdu qalghu r-rubber membrane minghajr ma' taw opportunita lill-konvenut sabiex jivverifika l-affarijiet. Huwa minnu li r-rubber membrane kellu idejalment jibqa hemmhekk. Izda minn naha l-ohra jinghad ukoll illi fl-ewwel lok il-konvenut seta' facilment jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu dwar id-difetti fuq imsemmija (bhal ma ra u kkonstata dan it-Tribunal) peress illi l-materjal kollu baqa' ikkonservat ghand l-atturi, u fit-tieni lok dan zgur ma jtellef xejn mid-drittijiet illi kellhom l-atturi illi jilmentaw minn xoghol hazin.

Iirrizulta illi dan ix-xoghol mhux biss kien hazin izda ma kellu l-ebda utilita ghall-atturi u aktar minn kollox taghhom xoghol zejjed. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u timmerita illi tigi akkolta minn dan it-Tribunal b'mod illi l-konvenut ghandu jkun tenut jirrifondi l-flus kollha lilu mhallsa, bhala prezz ghal dan ix-xoghol minnu esegwit hazin.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta' l-atturi, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1300) lill-atturi bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u tas-seba (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax. Bl-imghaxijiet dikorribli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------